Il-metamoforsi saret! Għaliex allura ma trid twieġbu b'xejn lill-poeta? Għaliex ma tridx tikxiflu l-misteru?

Għandek raġun, ja xagħra! X'jibqa' minnu l-poeta jekk jispiċċalu l-misteru? Xi jsir minnha mbagħad il-poeżija? Le, le, ja xagħra: inti tagħmel sewwa. Isimgħu biss jistaqsik imma twieġbu qatt. Ilqa' l-mistoqsija tiegħu, ja riħ ta' dik ix-xagħra, iżda mbagħad tajjarha miegħek 'il bogħod. Ara kemm jaf iżejjinhielek il-mistoqsija, iżda tħallix iwaqqgħek. Ara kemm kliem sabiħ u kif iżewqu, iżda tħallihx isaħħrek għal warajh.

Kliem sempliċi juża l-poeta iżda magħżul u meqjus biex il-lirika tixgħel ix-xrara tal-poeżija bħalma x-xemx kienet tħammarlu ħaddejh, u tqanqal f'qalbu l-imħabba għall-kôl aħmar u iswed. Rima alternata f'kull kwartina iżda rima waħda biss —it-tieni mar-raba' vers—u kelma tronka: *ferħan*, *daħkan gremxul* u *tul*; *għoxrin*, *bnin*, *fik* u *bik*. U wara dawk it-tmien novenari li bejniethom jiffurmaw strofa, Briffa, bis-sengħa tiegħu, iżernaq is-senarju

"tiftakar ja xagħra?"

li huwa bħal ritornell fil-ballata.

Neħħi l-asindetu, jiġifieri n-nuqqas ta' kollegazzjoni bejn xi kelma u oħra bħal "jittajjar, jitliegħeb......" il-versi ma fihomx figuri metaforiċi x'wieħed isemmi. Iżda wisq naħseb li l-poeta ma daħħalhomx fil-poeżija apposta, biex iżomm l-istil tiegħu individwali tas-sempliċità.

Briffa fil-poeżija tiegħu u l-iktar fil-"Metamorfosi", li ftit huma dawk li sal-bieraħ kienu jafu biha, juża kliem li jiftiehem mill-ewwel u ma jtaqqalx il-ħsieb tal-poeżija bi kliem li mhux kulħadd jaqbad it-tifsir tiegħu malajr. Madankollu ma jsibhiex bi kbira li jikteb "jitliegħeb", kelma li l-istudenti tal-Kwarta tal-Liċejo iltaqgħu magħha u jafu tajjeb li tfisser "jilgħab, jitnikker, jitlajja" kif ma jaħsibhiex darbtejn biex juża l-kelma rumanza "misteru" li xejn ma joqgħod min flokha bla ma jitlef xi ftit mill-effett jekk mhux ukoll mis-sens.

**Nota:** Din it-taħdita xxandret mir-Rediffusion fl-1949 għall-klassijiet tal-Liċeo. Qegħdin inġibuha hawn fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni ta' l-ewwel ktieb ta' Rużar Briffa, "Poeżiji", (Lux Press, Hamrun). "Metamorfosi" tidher ukoll mal-versi l-oħrajn tal-ktieb.



GĦALL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI

TA'

**DUN ĠUŻEPP ABELA**

FIL-KATTIDRAL TA' ST. PATRICK

MELBOURNE, AWSTRALJA,

F'GĦELUQ

IL-FESTI ĊENTINARJI TA' SAN PAWL F'MALTA

24 TA' LULJU, 1960

*Ta'* K. VASSALLO

Maħruq bi mħabbtek, għal imħabbtek, Alla,
ħaraq dan iż-żagħżugħ f'nar it-tiċħid
kull ħajr tal-ġisem u tad-dinja, u ħalla
kollox warajh biex jikseb l-aqwa ġid:
lil Kristu Ibnek fuq salib imtalla',
li l-lum jisfa' f'idejh vittma mill-ġdid
ta' dnubiet dawk li fuq dal-mewġ imqalla'
tefgħet il-Ħajja mnikkta mit-twelid.

Ieqaf miegħu, Mulej. Saħħaħlu ruħu
bil-qodos Tiegħek; imla qalbu bik;
seddaq, f'ġieħ Ibnek, tbatijietu u dmugħu:
biex hekk, bħal Pawlu, jaħdem biss għalik;
u, ta' poeta u saċerdot, ifuħu
snin ħajtu jkunu sa ma tiġbru fik.

12. IV. 60.